MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 1022/1997/1

**Joe Galea**

**v.**

**Joe Mifsud**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Marzu 2004, li permezz taghha gew respinti t-talbiet attrici f’kawza ta’ libell.

**2.** Permezz ta’ citazzjoni prezentata fit-8 ta’ Mejju 1997, l-attur Joe Galea, wara li ppremetta li fil-ktieb miktub mill-konvenut, intitolat “Id-Djarju ta’ Ciro del Negro” publikat fl-1 ta’ Mejju 1997 mill-SKS (Sensiela Kotba Socjalisti) u mahrug mid-Dipartiment tat-Taghrif tal-Partit Laburista, gew attribwiti lilu fatti determinanti li huma malafamanti fil-konfront tieghu, li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma intizi li jwegghuh, jaggravawh jew ikissru r-reputazzjoni tieghu; li l-konvenut Mifsud huwa l-awtur tal-ktieb imsemmi; illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata, ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap. 248); premess dan kollu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma kellhiex dik il-Qorti (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni kienet libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu, u (2) tikkundanna lill-imsemmi konvenut ihallsu (cioe` lill-attur) dik is-somma li tistabilixxi l-Qorti skond l-imsemmija disposizzjoni u li ma tkunx teccedi l-hamest elef lira, bl-ispejjez u bl-interessi.

**3.** Il-konvenut Joe Mifsud eccepixxa (fol. 10) hekk:
**“1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhijiex libelluza fil-konfront ta’ l-attur.**

**“2. Illi l-fatti kontenuti fil-ktieb imsemmi jikkonsistu f’rappurtagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbli f’socjeta` demokratika, kemm taht il-ligijiet ta’ l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet u d-Drittijiet tal-Bniedem.**

**“3. Illi inoltre l-pubblikazzjoni msemmija tikkontjeni intervisti fidili minn persunaggi nvoluti fil-kwistjonijiet imsemmija.**

**“4. Illi inoltre l-pubblikazzjoni hija koperta bil-privilegg a bazi ta’ l-Artikolu 12A u l-Artikolu 33(b) u (d) ta’ l-Att X ta’ l-1996.**

**“5. Illi nkwantu l-ktieb jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsisti f’*fair comment* dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku u huma accettabbli f’socjeta` demokratika kif**

**ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** Kif diga` nghad, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza moghtija fis-17 ta’ Marzu 2004, iddecidiet il-vertenza bil-mod segwenti:

**“Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi prevja l-akkoljiment ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet ta’ l-attur, bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati minnu”**

u dan wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“L-azzjoni hawn proposta mill-attur hi dik tendenti ghar-rizarciment tad-danni ghal diffamazzjoni bil-ktieb tal-konvenut “Id-Djarju ta’ Ciro del Negro”. Hi azzjoni kontemplata fl-Artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa liema disposizzjoni tipprovdi rimedju civili fil-kaz ta’ malafama bil-mezz ta’ stampat (Artikolu 3) kif definit mill-istess ligi (Artikolu 2). Ma’ dawn hemm abbinat l-Artikolu 11 li jippreskrivi illi hu responsabbli ta’ malafama lil xi persuna “jekk fil-malafama jigu attribwiti lil dik il-persuna fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponuha ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku”;

“Qabel ezami tal-meritu specifiku f’dan il-kaz ma jkunx inopportun jekk jigi ribadit il-principju, ormai saldament ankrat f’bosta decizjonijiet fuq il-materja hawn trattata, illi f’kazijiet ta’ din ix-xorta jikkonkorru simultanjament zewg drittijiet tutelabbli. Dan johrog bil-wisq car proprju mill-ewwel disposizzjoni tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni li jitratta dwar id-drittijiet u l-libertajiet ta’ l-individwu, ex-Artikolu 32, kombinat ma’ l-Artikolu 41, kif ukoll mill-Artikolu 10 ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). In succint fihom jinghad illi d-dritt fundamentali ta’ l-individwu hu soggett ghar-rispett u d-drittijiet ta’ haddiehor u ta’ l-interess pubbliku, *inter alia*, ghall-iskop ta’ din il-kawza, ir-reputazzjoni u l-harsien taghha. Kif drabi ohra mtenni mill-Qrati taghna, anke fuq

l-istregwa ta’ decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, dak li ghandu jigi ricerkat f’ dawn il-kawzi huma “l-bilanc li kellu jkun hemm bejn l-interess ta’ l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika” (“**Perit Duminku Mintoff -vs- Dr. Joe Brincat *et***”, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta’ Jannar 2001);

“M’hemmx dubbju illi l-allegazzjoni li stampat hu malafamanti hi kwistjoni ta’ fatt li trid tigi determinata, dipendenti mic-cirkostanzi u l-kuntest tal-pubblikazzjoni partikolari;

“F’dan il-kaz l-attur jirpoza l-kontenzjoni tieghu illi gie diffamat b’referenza ghall-pagni u paragrafi specifici tal-ktieb. Ara Affidavit tieghu a fol. 20. Min-naha l-ohra l-konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni illi hu illimita ruhu ghar-rappurtagg fidil tal-proceduri li kienu ghaddejjin fil-Qorti u li ghalkemm il-ktieb kien jitratta minn materjal rikavat minn kawzi mportanti dwar id-droga, imkien ma mplika illi l-attur kien b’xi mod ko-involt f’reati konnessi mad-droga. Ara Affidavit tieghu a fol. 31 u kontro-ezami a fol. 54;

“Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontenut tal-ktieb, in partikolari s-siltiet riferenzjati mill-attur, u sincerament issib li ma tistax tikkondividi l-kontenzjoni ta’ l-attur illi dak rakkontat fih mill-awtur tieghu kien mahsub bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur jew li jesponih ghad-disprezz;

“Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt:

“I. Ma jista’ jkun hemm l-ebda kuntrast illi dak li kien qed jigi rakkontat mill-konvenut ma kienx jikkoncerna lill-attur wahdu izda wkoll lill-persuni ohra li fih jissemmew. Lanqas ma jidher li jista’ jkun kontestat illi dawn l-ismijiet ma gewx kapriccjozament ivvintati in kwantu r-riferenza fattwali ghalihom kienet rinvenuta f’estratti mid-djarju ta’

Ciro del Negro, elevat mill- Pulizija waqt *search* u esebit fi proceduri kriminali kontra Meinrad Calleja. Ara kopja esebita tad-deposizzjoni ta' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar moghtija f' kawza civili ohra;

"II. Fil-kuntest storiku tal-proceduri gudizzjarji l-fatti rakkontati kienu jirrizultaw minn dokumenti accessibbli ghall-pubbliku. Ma kienx hemm allura l-htiega tal-verifika u l-prova tal-verita` taghhom. Effettivament lanqas l-attur innifsu ma jallega illi r-rapport ta' dawn l-proceduri gudizzjarji ma kienx "*fair and accurate*", jew nieqes mill-bona fede;

"III. Ghandu jinghad illi skond il-ligi l-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti ta' gustizzja huma privileggjati purche` dawn ikunu rapporti gusti tal-procedimenti [Artikolu 33 (d) u Artikolu 12 tal-Kapitolu 248]. Privilegg dan li jipprovdi immunita` mill-azzjoni penali jew civili ghal libell u li kif fissret il-Qorti ta' l-Appell "hu certament ispirat mill-interess pubbliku ghall-informazzjoni biex ikun aggornat dwar dak li jigri fil-qrati tal-gustizzja fejn spiss jigi trattat mertu li jolqot lill-ordni socjali, mertu ta' interess generali, civili, kummercjali, kriminali u xort' ohra. Il-privilegg allura ma hu bl-ebda mod marbut mal-persuna ta' min ilissen il-kliem oggettivament ingurjuz, imma mad-dritt tal-kollettivita` ghall-informazzjoni" - "**Lino Debono -vs- Avv. Toni Abela**", 6 ta' Ottubru 2000;

"IV. Ma jirrizulta li sar ebda kumment jew espressjoni ta' xi opinjoni dwar il-fatti riportati li jikkoncernaw lill-attur. Il-konvenut illimita ruhu biex jiddeskrivi l-fatti kif zvolgew skond l-investigazzjoni u l-procediment penali u bl-ebda mod ma jidher li tbieghed minn dan ir-rakkont jew b'xi mod jipprova jinfluwenza lill-qarrej b' xi opinjoni tieghu;

"V. Il-konvenut spjega li dak rilevat minnu fil-ktieb kien ir-rizultat ta' tkixxif gurnalistiku nvestigattiv li hu deherlu li kien ta' interess pubbliku li jitwassal lill-qarrej. Intqal a propozitu illi "l-gurnalizmu nvestigattiv kien jippermetti, u anzi jezigi, indagini ta' din ix-xorta u li l-fatti li rrizultaw setghu jitqiesu li kienu ta' interess pubbliku" - "**L-Avukat**

**Dr. Henry Antoncich *et nomine* -vs- Jeffrey Bezzina *et***”, Appell, 25 ta’ Mejju 2001;

“VI. Jigi notat ukoll illi l-konvenut ma naqasx milli fil-ktieb tieghu jannota l-izmentita *a tempo debito* ta’ l-attur ghal dak riferenzjat dwaru fid-djarju ta’ Ciro del Negro u sahansitra ppubblika f’pagna 89 tal-ktieb l-affidavit guramentat ta’ l-istess attur, flimkien max-xhieda minnu moghtija fil-proceduri penali kontra Meinrad Calleja (pagni 90 sa 92);

“Dan premess hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi skond il-fattezzi partikolari u specjali ta’ dan il-kaz il-kondotta tal-konvenut, *qua* gurnalista nvestigattiv, ma tistax titqies illecita jekk, kif inhu l-kaz, il-fatti minnu rakkontati, anke in relazzjoni tal-persuni ko-involti, kompriz allura l-attur, kienu jipprezentaw indiskutibilment elementi ta’ interess pubbliku ghall-informazzjoni, gustifikattivi ta’ l-ezercizzju tad-dritt tal-kronaka anke prevalenti fuq il-posizzjoni soggettiva tas-singolu. Konsegwentement dan ma jistax jigi kkundannat ghar-rizarciment ta’ danni minhabba allegat lezjoni ta’ l-unur jew tar-reputazzjoni meta dak riferit minnu kien ottenut minn sors attendibbli, riportat f’dokumenti ufficjali u xhieda esebiti jew traskritti fi proceduri gudizzjarji;

“Il-kazistika tal-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni hi konkordi fejn tirritjeni illi tikkostitwixxi legittima espressjoni tad-dritt tal-kronaka, ezimenti tar-responsabilita` civili ghad-danni, il-pubblikazzjoni ta’ interrogazzjoni parlamentari (u dan jghodd ukoll ghall-pubblikazzjoni ta’ atti gudizzjarji) anke jekk b’kontenut oggettivament diffamatorju, “*sempre che (e solo che) corrisponda al vero la riproduzione (integrale o per riassunto) del testo dell’ interrogazione medesima, essendo priva di rilievo, per converso, che il giornalista non ha il dovere di verificare, pur avendo l’ obbligo di riprodurlo in forma impersonale ed oggetiva, quale semplice testimone, senza dimostrare, cioe, con commenti o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, cosi`, la necessaria posizione di narratore ascettico ed imparziale del fatto.*” (**Cassazione, 19 ta’ Dicembru 2001, Numru 15999**);

"Rikollegati l-provi ghat-test tal-ligi (Artikolu 11) ma jidherx li gie sodisfacentement provat illi l-konvenut attribwixxa lill-attur xi <u>fatt determinat</u> u appozitament krejat minnu bl-iskop li jiffanga l-unur ta' l-attur. L-azzjoni ghalhekk ma tistax tirnexxi anke in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha suesposti in kwantu mhux biss tirrizulta nieqsa mill-element essenzjali kostituttiv taghha imma wkoll ghaliex ma rrizulta l-ebda *animus injuriandi* li f' kull kaz kien mehtieg li jirrizulta b'mod car, univoku u esklussiv. Dippju r-rakkont ghandu jitqies gust tal-procedimenti f'qorti ta' gustizzja (Artikolu 33).

**<u>L-appell ta' l-attur</u>**

**5.** Permezz ta' rikors minnu pprezentat fis-6 ta' April 2004, l-attur appella minn din is-sentenza.L-aggravji tieghu gew minnu stess sintetizzati hekk:

**"i. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta kkonkludiet li l-pubblikazzjoni ma kienitx malafamanti fil-konfront ta' l-attur;**

**"ii. Illi l-Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet, kuntrarjament ghal dak li minnu lmenta l-attur kemm fid-dikjarazzjoni tieghu kif ukoll fix-xiehda tieghu, li l-attur irpoza l-kontenzjoni tieghu illi gie diffamat b'referenza ghall-pagni u paragrafi specifici tal-ktieb;**

**"iii. Illi l-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla, ghamlet emfazi qawwija fuq l-artikolu 33(d) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta li fil-fatt ma ghandux x'jaqsam u ma jikwadrax fil-fatti tal-kawza li jilmenta minnhom l-attur;**

**"iv. Illi l-Qorti naqset fil-konsiderazzjonijiet taghha tirravviva** (sic!) **li kien hemm inveritajiet f'dak rapportat;**

**"v. Illi l-Qorti ma kellha l-ebda prova li l-intervista verament saret u li dak li kien qed jigu ppublikat ma kienx xi invenzjoni minn terz."**

**6.** Fir-risposta tieghu ghal dana l-appell, il-konvenut appellat isostni bazikament li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u kellha tigi konfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Jibda biex jinghad li din il-Qorti qrat, ghal aktar minn darba, il-ktieb in kwistjoni – *Id-Djarju ta' Ciro del Negro* – u tikkondividi hafna mill-hsieb ta' l-attur appellant fis-sens li l-ewwel Qorti ma afferratx ezattament in-natura u l-iskop ta' dan il-ktieb. In fatti dana l-ktieb la jista' jinghad li hu rapport ta' procedimenti f'qorti ta' gustizzja f'Malta (ghall-finijiet tal-Artikolu 33(d) tal-Kap. 248), kif donnha rriteniet l-ewwel Qorti, u anqas jista' jinghad li jammonta ghax xi gurnalizmu investigattiv, kif affermat aktar minn darba dik il-Qorti fis-sentneza appellata. Il-ktieb, infatti, huwa *collage* ta' diskors u dokumenti li intqal, u li gew ezibiti, fi procedimenti fil-qorti flimkien ma' diversi kummenti u osservazzjonijiet ta' l-awtur tal-ktieb (hafna minnhom ripettittivi u minghajr ebda sekwenza logika) u intervista twila li saret lil Ciro del Negro fl-Italja mill-istess awtur konvenut, liema intervista certament ma tista' b'ebda mod tinkwadra bhala rapport ta' procediment f'qorti. Ma' dan ghandu jizdied ukoll li l-ktieb fih referenza ghal certi dokumenti, ittri ecc. li ma jidher li gew qatt ezibiti fil-procedimenti gudizzjarji li dwarhom jirreferi, in parti, l-istess ktieb. Gustament, ghalhekk, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li kien japplika – *semble* ghall-ktieb kollu – il-privilegg kontemplat fl-Artikolu 33(d). F'dan il-kuntest ghandu jigi osservat ukoll li peress li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut bla ma ddistingwiet bejn wahda u ohra, jigi li ghalhekk laqghet ukoll l-eccezzjoni tal-konvenut bazata fuq l-Artikolu 33(b) u l-Artikolu 12A tal-Kap. 248 – disposizzjonijiet, dawn, li certament ma kienux japplikaw ghall-kaz in dizamina[1].

**8.** Anqas jista' jinghad li l-ktieb huwa xi forma ta' gurnalizmu investigattiv: apparti r-riproduzzjoni (b'kummenti, specjalment fid-dahla tal-ktieb, da parti ta' l-awtur) ta' dak li ntaql fi procediment gudizzjarju, l-uniku

---

[1] Kwantu ghall-Artikolu 12A, ara *passim* is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-24 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet ***Dr Sandra Caruana v. Joe Mifsud***.

sforz li jidher li sar biex wiehed jesplora aktar dak li ntqal kienet intervista ma’ Ciro del Negro fl-Italja. Il-ktieb kollu, pero`, jimxi fuq il-premessa inkontestata da parti ta’ l-awtur, li kullma jghid jew jikteb dan del Negro huwa kollu minnu – attitudini *naïve* ghall-ahhar u li tikkozza ma’ kull sens suppost investigattiv. Fi kliem iehor, ma jidher li sar ebda sforz biex jigu verifikati d-dettalji li jaghti dan del Negro. Issa, ma hemmx dubbju li l-ktieb jipprova jiffoka dwar suggett ta’ interess pubbliku – il-pjaga tal-abbuz tad-droga u kif din tidhol f’Malta – pero` l-interess pubbliku fih innifsu ma jaghmilx il-gurnalizmu wiehed investigattiv. Dan qed jinghad ghax meta qorti tkun rinfaccjata b’gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta’ interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudini mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta’ jekk kumment ikunx wiehed *fair* o meno (ara, ez. **Victor Pace v. Joe Azzopardi et** Qorti ta’ l-Appell, 8/6/2004); u wiehed jista’ jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta’ tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista’ jaghti l-kaz li, jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppublikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-*House of Lords* tal-11 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet **Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL** [2006] UKHL 44; [2006] All ER (D) 132 (Oct)). Dan kollu, pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta’ din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih.

**9.** Anqas ma tista’ din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti fejn din esprimiet ruhha (fl-ahhar paragrafu tas-sentenza aktar ’l fuq riportata) fis-sens li kien mehtieg xi *animus injuriandi*. Kif inhu risaput, m’hix l-intenzjoni li tiddiffama li tirrendi kliem pubblikati malafamanti izda jekk bhala fatt dawk il-kliem, kif mifhuma mill-qarrej ordinarju, ikunux malafamanti, ghalkemm l-intenzjoni li wiehed jingurja tista’ tkun relevanti meta wiehed jinvoka l-*fair comment* jew xi privilegg stabbilit mill-ligi[2].

[2] “Unless, therefore, there is a plea of privilege or fair comment the law looks at the tendency and consequences of the publication rather than the motive or intention of the publisher…The defendant may not have intended to injure the claimant’s reputation at all.

**10.** Madanakollu, jibqa' l-punt kardinali ta' l-ewwel eccezzjoni, u cioe` jekk il-pubblikazzjoni msemmija hijiex libelluza fil-konfront ta' l-attur appellant. L-appellant gustament jillanja li l-ewwel Qorti jidher li strahet biss u kkunsidrat certi brani indikati minnu f'affidavit tieghu a fol. 20. Kuntrarjament ghal dak li donnha fehmet l-ewwel Qorti, l-attur ma kienx qed jillanja biss mill-brani minnu identifikati. In fatti l-ahhar paragrafu tal-affidavit jghid testwalment hekk: *"Bhal dawn fil-ktieb hemm numru kbir ta' paragrafi, li wara kummenti dwar droga, traffikar taghha jew importazzjoni, nissemma' jien immedjatament wara, bhala wiehed mis-seba' persuni li allegatament jissemmew fid-djarju ta' Del Negro. Jien hassejt li tant gie ripetut l-istess diskors u l-hin kollu jigi ripetut ismi, li minn qara l-ktieb gie mwassal sabiex jikkonkludi li jien kont b'xi mod implikat fil-kwistjoni."*

**11.** Kien proprju ghalhekk, kif diga` nghad, li din il-Qorti fliet bir-reqqa kollha <u>l-ktieb kollu</u> – u mhux biss il-brani msemmija mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Din il-Qorti, pero`, ma tistax tikkondividi l-hsieb tal-attur li huwa gie, b'din il-pubblikazzjoni, malafamat. Huwa veru li r-ripetizzjoni ta' malafama ma tezentax lil min ikun irrepetiha mir-responsabbilta`[3], izda l-ewwel u qabel kollox irid jirrizulta li dak li gie pubblikat kien effettivament malafamanti fil-konfront ta' l-attur. Fi kliem iehor irid jirrizulta a sodisfazzjon tal-Qorti li dak li gie pubblikat, u anke bil-mod kif gie pubblikat, kien itendi *"to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society generally"*, jew kien itendi *"to cause others to shun or avoid the claimant"* jew *"to expose him to hatred, contempt or ridicule."* [4] F'certu sens, l-attur kien sfortunat li ssemma' fid-djarju ta' del Negro – u wiehed jista' jifhem li l-attur ma hax gost li gie hekk imsemmi – izda <u>f'ebda hin,</u>

---

He may have published the words in jest, or he may have been actuated by the best of motives in publishing the words." – ***Gatley on Libel and Slander*** Tenth ed (2004), Sweet & Maxwell, London, para. 1.6, p. 9. Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-21 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet ***Perit Joseph Boffa v. John A. Mizzi***.

[3] Ara, fost ohrajn, Price, D. u Duodu, K. ***Defamation: Law, Procedure and Practice*** Sweet & Maxwell (London) 2004, para. 2-08, p. 11.

[4] ***Gatlet*** op. cit. para. 1.5, p. 8; ***Defamation: Law, Procedure and Practice*** op. cit. pp. 15-22.

la fid-djarju u anqas f'xi dokument jew kumment iehor ma hemm l-icken accenn, dirett jew indirett (ez. "by innuendo"), li l-attur kien b'xi mod implikat fi kwistjonijiet dwar droga. Kullma jinghad hu li f'xi okkazzjonijiet meta del Negro mar biex ikellem persuna ohra fl-ufficju (pubbliku) ta' din il-persuna l-ohra f'Santa Venera, huwa ltaqa' ma' l-attur u qaghad jitkellem mieghu fuq affarijiet kompletament innokwi. L-attur jichad dan, u jghid li lil del Negro ma jafux u qatt ma ltaqa' mieghu – u din l-izmentita, kemm fil-Qorti u permezz ta' affidavit, giet ukoll ippubblikata fil-ktieb in dizamina. Fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad li b'daqshekk l-attur gie malafamat. Il-fatt li jissemmew ukoll persuni ohra li kienu nvoluti, jew allegatament involuti, fi traffikar tad-droga huwa evidentement fatt purament incidentali u li wiehed ma jistax jaharbu. Il-konvenut appellat, in fatti, meta xehed quddiem l-Assistant Gudizzjarju mahtura mill-ewwel Qorti, tenna kategorikament – u dan konformement ma' dak li jirrizulta mill-ktieb imsemmi – li l-attur qatt ma indikah, direttament jew indirettament, bhala li hu b'xi mod imdahhal fit-traffikar tad-droga: *"Jien dan qatt ma ghamiltu u nerga' nikkonferma llum li Joe Galea ma kienx involut u jien m'ghandix informazzjoni li kien involut jew xi baruni tad-droga – kieku kelli dik l-informazzjoni kont nippubblikaha"* (fol. 55 tal-atti). S'intendi, il-fatt li wiehed ikollu "dik l-informazzjoni" u jaqbad u jippubblikaha, ma jfissirx li ma jkunx hemm malafama azzjonabbli – pero` dik hi kwistjoni ohra li tezorbita mill-parametri tal-appell odjern. Huwa minnu, mill-banda l-ohra, li f'pagna 17 tal-ktieb, il-konvenut appellant ighid: *"Ghaliex is-sinjuri msemmija jichdu li jafu lil Ciro del Negro huwa misteru li jrid jinhall…"*. Dan il-kumment, pero`, indirizzat aktar lejn persuni ohra milli lejn l-appellant, la fih innifsu u anqas fil-kuntest tal-pubblikazzjoni kollha, ma jintegra l-malafama li minnha jilmenta l-attur. Ghalhekk il-kawza kellha tigi deciza billi tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**<u>Decide</u>**

**12.** Ghall-motivi premessi, u ghalhekk mhux ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx li kien hemm malafama fil-konfront ta' l-

attur u ghalhekk anqas kien hemm lok ghal danni kif reklamati. L-ispejjez, kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------